MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 346/2008

**Malta Shipyards Limited**
**Vs**
**Bastiment FRAU NANCY**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi l-esponenti hija kreditrici tal-bastiment intimat fis-somma komplessiva ta' mija u tmienja u hamsin elf erba' mija u sebgha u tletin Ewro (€158.437), prezz ta' xoghlijiet, riparazzjonijiet u servizzi ohra esegwiti fuq l-istess bastiment kif jirrizulta mill-invoices numri 12322/000, 12322/001, 12322/002, 12322/003,

12322/004, 12322/005, 12322/006, u 12322/007 hawn annessi (Dokumenti A sa H).

2. Illi minkejja li l-esponenti baghtet dawn il-fatturi lill-proprjetarji tal-bastiment intimat, u talbet il-hlas taghhom, dawn xorta wahda baqghu ma thallsux.

3. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u sa fejn taf l-esponenti l-bastiment intimat m’ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-Artikli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

(ii) Tikkundanna lill-bastiment intimat Frau Nancy ihallas lill-esponenti s-somma ta’ mija u tmienja u hamsin elf erba’ mija u sebgha u tletin Ewro (€158.437) prezz ta’ xoghlijiet, riparazzjonijiet u servizzi ohra esegwiti fuq l-istess bastiment kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi tal-mandat ta’ qbid u tal-mandat ta’ mpediment tas-safar prezentati kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet skond kif stipulat fl-imsemmija *invoices* sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimat debitament notifikat naqas li jipprezenta r-risposta tieghu;

Semghet lir-rapprezentant tal-Malta Shipyards Ltd kif ukoll lis-*Second Engineer* li hu l-unika persuna li ghad hemm abbord il-bastiment;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-intimat baqa' kontumaci u ma pprezenta ebda risposta biex jikkontesta t-talba tar-rikorrenti.

Mill-provi mismugha jirrizulta li t-talba principali ma tidhirx li hija kontestata.

Jidher li hemm kontestazzjoni fuq l-ispejjez ulterjuri li r-rikorrenti qed jitolbu. Izda mill-provi prodotti jirrizuta li effettivament il-bastiment inghata s-servizzi mitluba u ghadu qed jinghata dawn is-servizzi bhal dawl u ilma izda s-sidien tal-bastiment u minn kien responsabbili ghall ordni ta' xoghol li nghatat lir-rikorrenti ghalkemm weghdu li ser ihallsu baqa ma wasalx u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet tar-rikkorenti
Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------